IL-QORTI EWROPEA
TA' L-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 6 // 2008

# L-GĦAJNUNA TA' RIJABILITAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA WARA T-TSUNAMI U L-URAGAN MITCH

CURIA RATIONUM

MT

Rapport Speċjali Nru 6 // 2008

# L-GĦAJNUNA TA' RIJABILITAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA WARA T-TSUNAMI U L-URAGAN MITCH

(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sottaparagrafu, KE)

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
L – 1615 Luxembourg

Tel. : (352) 4398 45410
Fax : (352) 4398 46 430
mail : euraud@eca.europa.eu
Internet : http://www.eca.europa.eu

# Rapport Speċjali Nru 6 // 2008

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2008

ISBN 978-92-95009-48-6

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Mitbugħ fil-Belġju*

# WERREJ

**Paragrafu**


| | |
|---|---|
| **I-VI** | **SOMMARJU EŻEKUTTIV** |
| **1-11** | **KAPITOLU 1. INTRODUZZJONI** |
| **1-6** | **TAQSIMA 1.1. IL-KUNTEST TAL-VERIFIKA** |
| **7-11** | **TAQSIMA 1.2. QAFAS REGOLATORJU** |
| **12-16** | **KAPITOLU 2. AMBITU U APPROĊĊ TAL-VERIFIKA** |
| **17-41** | **KAPITOLU 3. OSSERVAZZJONIJIET** |
| **17-22** | **TAQSIMA 3.1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-BŻONNIJIET TA' RIJABILITAZZJONI U T-TFASSIL TA' PROĠETTI** |
| 18-19 | STRATEĠIJA TA' RIJABILITAZZJONI FIL-ĦIN LI TINKORPORA KWISTJONIJIET USA' |
| 20-22 | TFASSIL AKTAR MALAJR U PARTIĊIPAZZJONI AQWA MILL-BENEFIĊJARJI GĦAT-TSUNAMI MILLI GĦALL-URAGAN MITCH |
| **23-29** | **TAQSIMA 3.2. L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA** |
| 24-26 | IMPLIMENTAZZJONI RAPIDA GĦALL-INDONEŻJA, BIL-MOD GĦAS-SRI LANKA U L-URAGAN MITCH |
| 27-29 | IL-BŻONN LI JIĠU MSAĦĦA S-SISTEMI TA' SORVELJANZA BIEX JASSIGURAW L-EFFIĊJENZA |
| **30-41** | **TAQSIMA 3.3. KISBA TAR-RIŻULTATI** |
| 31-33 | KISBA TA' BOSTA PRODOTTI UTLI |
| 34-37 | RABTIET KONTRASTANTI MA' GĦAJNUNA UMANITARJA PREĊEDENTI |
| 38 | RABTA B'SAĦĦITHA MA' L-IŻVILUPP FUQ ŻMIEN ITWAL |
| 39-41 | TĦASSIB DWAR IS-SOSTENIBILITÀ TAL-PROĠETTI |
| **42-45** | **KAPITOLU 4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET** |
| | **IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI** |

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
Wara t-Tsunami fl-Oċean Indjan tas-26 ta' Diċembru 2004, li qatel aktar minn 200 000 ruħ u kkawża danni ta' madwar 10 biljun euro, il-Qorti ta' l-Awdituri rrappurtat fuq ir-reazzjoni ta' għajnuna umanitarja immedjata tal-Kummissjoni mfassla biex tipprevjeni jew ittaffi t-tbatija tal-bnedmin. Il-Parlament u l-Kunsill, waqt id-diskussjonijiet tagħhom fuq dan ir-rapport, talbu lill-Qorti biex tirrapporta fuq il-fażi ta' rijabilitazzjoni sussegwenti fuq żmien itwal li għaliha l-Kummissjoni kkontribwiet madwar 300 miljun euro. Il-verifika kurrenti għalhekk eżaminat l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni ta' wara t-Tsunami. L-ambitu tal-verifika ġie estiż biex jinkludi r-reazzjoni ta' rijabilitazzjoni ta' 250 miljun euro tal-Kummissjoni għall-Uragan Mitch, li laqat l-Amerika Ċentrali f'Ottubru 1998 (ara l-paragrafi 1 sa 14).

**II.**
Din il-verifika indirizzat it-tliet domandi li ġejjin bil-għan li tevalwa l-prestazzjoni tal-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni wara l-Uragan Mitch u t-Tsunami (ara l-paragrafi 15 u 16):

a) Il-Kummissjoni identifikat b'mod xieraq il-bżonnijiet ta' rijabilitazzjoni ta' dawk milquta mid-diżastri?

b) Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw li l-għajnuna hija implimentata fil-ħin u b'mod effiċjenti?

c) Il-proġetti kisbu r-riżultati mistennija inkluża rabta sodisfaċenti bejn l-għajnuna fuq żmien qasir u l-iżvilupp fuq żmien itwal?

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**III.**
Kemm wara l-Uragan Mitch u kif ukoll wara t-Tsunami, il-Kummissjoni żviluppat strateġija ta' rijabilitazzjoni f'inqas minn sitt xhur minn meta rrikonoxxiet il-bżonn mhux biss biex tibni mill-ġdid l-infrastruttura mġarrfa, imma wkoll biex tindirizza l-iżvilupp fuq żmien itwal u l-bżonnijiet ta' dawk mhux milquta direttament mid-diżastri. Wara l-Uragan Mitch, il-proċess ta' tfassil li wara ttraduċa l-istrateġija ta' rijabilitazzjoni fi proġetti speċifiċi kien twil u dam sa Ottubru 2002, erba' snin wara d-diżastru. B'kuntrast, wara t-Tsunami, il-proċess ta' tfassil, imwettaq minn organizzazzjonijiet internazzjonali li permezz tagħhom il-Kummissjoni wasslet l-iffinanzjar tagħha, kien aktar rapidu, u t-tfassil ta' proġetti kbar ġie approvat fi żmien tmien xhur mid-diżastru fl-Indoneżja u fi żmien ħdax-il xahar fis-Sri Lanka. Barra dan, sabiex tgħin filli jkun assigurat li l-bżonnijiet reali ġew identifikati, ir-risposta tal-Kummissjoni evolviet biex tinkludi koordinazzjoni u konsultazzjoni aħjar mal-pajjiżi benefiċjarji fil-livelli nazzjonali u lokali (ara l-paragrafi 17 sa 22).

**IV.**
Fl-Amerika Ċentrali, wara l-proċess ta' tfassil twil wara l-Uragan Mitch, kien hemm aktar dewmien fl-implimentazzjoni minħabba diffikultajiet biex jinstabu kuntratturi sodisfaċenti u biex tiġi identifikata art xierqa. L-implimentazzjoni tar-risposta ta' rijabilitazzjoni tal-Kummissjoni kienet l-aktar rapida fl-Indoneżja, fejn inkisbu ħafna prodotti fis-sentejn ta' wara t-Tsunami permezz tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli. Fis-Sri Lanka, b'kuntrast, s'issa ftit inkisbu riżultati, prinċipalment minħabba t-tiġdid tal-kunflitt. Il-Kummissjoni ma indirizzatx in-nuqqasijiet prinċipali kollha fil-monitoraġġ u s-sorveljanza ta' l-effiċjenza ta' l-għajnuna għar-rijabilitazzjoni, għalkemm irnexxielha ttejjeb il-kwalità ta' l-informazzjoni ta' monitoraġġ mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja. Fis-Sri Lanka, proċeduri ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza għal organizzazzjonijiet internazzjonali ma ġewx stabbiliti għall-proġetti kollha. Wara ż-żewġ diżastri l-Kummissjoni ma assiguratx li miri ta' produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar ġew żviluppati għall-proġetti kollha u li s-sistemi ħolqu biżżejjed informazzjoni biex jissorveljaw u juru l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni (ara l-paragrafi 23 sa 29).

**V.**
Minkejja dan li ntqal hawn fuq, inkisbu bosta riżultati utli. Fl-Amerika Ċentrali, fost il-proġetti kkompletati bl-iffinanzjar tal-Kummissjoni kien hemm skejjel, djar, ċentri tas-saħħa, sistemi tad-dranaġġ u ta' l-ilma għax-xorb. Fl-Indoneżja r-riżultati nkludew djar, toroq, skejjel u ċentri komunitarji. Iż-żieda fil-prezzijiet wara ż-żewġ diżastri naqqset il-kwantità tal-prodotti. Il-proġetti ġeneralment ikkonsistew fi żvilupp aktar milli f'attivitajiet ta' rijabilitazzjoni u r-rabtiet ma' l-għajnuna umanitarja preċedenti kienu varjabbli. Ir-rabta qawwija ma' l-iżvilupp fuq żmien itwal ittejjeb il-prospetti ta' sostenibilità, għalkemm it-tfassil tal-proġetti ma identifikax biżżejjed għejun ta' finanzjament biex jassigura li l-attivitajiet ikomplu jaħdmu meta l-iffinanzjar għall-proġetti jintemm (ara l-paragrafi 30 sa 41).

**VI.**
Abbażi ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni tagħti għajnuna ta' rijabilitazzjoni aktar effiċjenti u effettiva (ara l-paragrafi 42 sa 45).

# KAPITOLU 1.
# INTRODUZZJONI

## TAQSIMA 1.1. IL-KUNTEST TAL-VERIFIKA

1. Fis-26 ta' Diċembru 2004 Tsunami fl-Oċean Indjan qatel aktar minn 200 000 ruħ u kkawża danni ta' 10 biljun euro. Il-provinċja Indoneżjana ta' Aceh intlaqtet l-agħar mill-qerda b'aktar minn 160 000 ruħ mejta jew mitlufa u aktar minn nofs miljun imċaqalqa. Fis-Sri Lanka, it-tieni pajjiż milqut l-agħar, madwar 35 000 ruħ mietu jew intilfu u nofs miljun ġew imċaqalqa.

2. Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2006 [1] tal-Qorti ta' l-Awdituri eżamina r-reazzjoni ta' għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni għad-diżastru. Il-Qorti kienet waħda minn ta' l-ewwel li pproduċiet rapport tal-verifika fuq ir-reazzjoni għat-Tsunami u fi żmien tant bikri ffukat fuq l-għajnuna umanitarja fuq żmien qasir tal-Kummissjoni. Waqt id-diskussjoni fuq dan ir-rapport, il-Kumitat tal-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew esprima x-xewqa li l-Qorti tirrapporta fuq il-fażi ta' rijabilitazzjoni sussegwenti [2] fuq żmien itwal u l-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment [3].

[1] Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2006 dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tsunami (ĠU C 170, 21.7.2006, p. 1).

[2] Laqgħa tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Baġit tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2006.

[3] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2006 mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tsunami adottati f'Ottubru 2006 mill-Kunsill tar-Relazzjonijiet Esterni.

**3.** Kien f'dan il-kuntest li l-Qorti ddeċidiet li twettaq verifika ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni wara t-Tsunami, bil-għan li tevalwa l-prestazzjoni tal-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni. L-ambitu tal-verifika ġie estiż biex jinkludi r-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-Uragan Mitch fl-Amerika Ċentrali li laqat il-Ħonduras, in-Nikaragwa, El Salvador u l-Gwatemala fit-30 u fil-31 ta' Ottubru 1998, u rriżulta fil-mewt ta' aktar minn 10 000 ruħ u f'dannu materjali ta' madwar 5 biljun euro. Il-kontribuzzjonijiet totali tal-Kummissjoni ta' madwar 550 miljun euro għar-rijabilitazzjoni wara l-Uragan Mitch u t-Tsunami, jirrappreżentaw madwar 70 % tal-fondi għar-rijabilitazzjoni għal diżastri naturali, li seħħew mill-1998 'l hawn, iffinanzjati mill-baġit ġenerali.

**4.** Wara l-Uragan Mitch, il-Kummissjoni tat madwar 250 miljun euro mil-linja tal-baġit tar-rijabilitazzjoni għall-Programm Reġjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (PRRAC). Il-parti l-kbira ta' dawn il-fondi twasslet permezz ta' 15-il unità li jamministraw il-programmi[4] (PMUs) kif muri fit-*Tabella 1*.

[4] L-unitajiet li jamministraw il-programmi ġew stabbiliti wara eżerċizzju internazzjonali ta' sejħiet għall-offerti. Immexxija minn Direttur, dawn kienu responsabbli mill-implimentazzjoni ta' programmi ta' attivitajiet ta' rijabilitazzjoni approvati mill-Kummissjoni.

**TABELLA 1**

## INTERVENZJONIJIET TAL-PRRAC SKOND IL-PAJJIŻ U L-IMSIEĦBA

*(Miljun euro)*

| Pajjiż | Proġetti kbar ġestiti minn 15-il unità li jamministraw l-programmi (PMUs) | Proġetti medji ġestiti minn istituzzjonijiet pubbliċi u min-Nazzjonijiet Uniti | Proġetti żgħar ta' l-NGO | Total |
|---|---|---|---|---|
| Ħonduras | 111,0 | 5,2 | 3,1 | **119,3** |
| Nikaragwa | 72,9 | 5,1 | 5,3 | **83,3** |
| El Salvador | 24,5 | 0,9 | 3,1 | **28,5** |
| Gwatemala | 13,6 | 2,7 | 2,3 | **18,6** |
| **Total** | **222,0** | **13,9** | **13,8** | **249,7** |

*Sors*: Rapport annwali tal-PRRAC ta' l-2005.

**5.** Wara t-Tsunami, il-Kummissjoni wasslet l-għajnuna tagħha lill-Indoneżja (madwar 200 miljun euro) permezz tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli tal-Bank Dinji kif muri fit-*Tabella 2*. Kumitat ta' Tmexxija, ippresjedut mill-Kummissjoni, il-Bank Dinji u l-aġenzija Governattiva responsabbli mill-koordinazzjoni tar-rikostruzzjoni [5], kien responsabbli mill-iffissar tal-prijoritajiet, l-approvazzjoni tal-proġetti u s-sorveljanza tal-progress tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli. Il-proġetti kienu ssorveljati minn aġenzija msieħba, ġeneralment il-Bank Dinji, u mwettqa minn aġenzija implimentattiva, ġeneralment dipartiment Governattiv [6].

**6.** L-għajnuna tal-Kummissjoni għas-Sri Lanka wara t-Tsunami twasslet permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, prinċipalment il-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp u n-Nazzjonijiet Uniti (ara t-*Tabella 3*)

[5] L-Aġenzija għar-Rijabilitazzjoni u r-Rikostruzzjoni ta' Aceh-Nias (BRR jew Badan Rehabilitasi dan Rekonstruksi).

[6] Il-Kummissjoni Ewropea kienet l-akbar donatur tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli, billi tat aktar minn 200 miljun euro jew 40 % ta' l-għotjiet totali. Il-kontribwenti li warajha taw l-aktar kienu l-Olanda (26 %), ir-Renju Unit (11 %) u l-Bank Dinji (4 %).

**TABELLA 2**

## KONTRIBUZZJONIJIET MILL-BAĠIT TA' L-UE LILL-FOND TA' TRUST B'DONATURI MULTIPLI FL-INDONEŻJA

*(Miljun euro)*

| Kontribuzzjoni | Sors | Data miftiehma | Total |
|---|---|---|---|
| Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida | Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida | 12.8.2005 | **3,5** |
| L-ewwel kontribuzzjoni | Kooperazzjoni ma' l-Asja u l-Amerika Latina | 29.8.2005 | **29,9** |
| It-tieni kontribuzzjoni | | 21.9.2005 | **37,7** |
| It-tielet kontribuzzjoni | | 16.12.2005 | **13,9** |
| Ir-raba' kontribuzzjoni | Rijabilitazzjoni | 25.4.2006 | **117,5** |
| **Total** | | | **202,5** |

## TAQSIMA 1.2. QAFAS REGOLATORJU

7. Ir-Regolament ta' Rijabilitazzjoni[7] jiddeskrivi l-linji tal-baġit speċifiċi għar-rijabilitazzjoni u jidentifika l-post ta' l-għajnuna għar-rijabilitazzjoni bħala t-tieni mit-tliet fażijiet prinċipali ta' għajnuna wara li jseħħ diżastru naturali:

a) Għajnuna umanitarja inizjali għal żmien qasir bil-għan li ssalva l-ħajja u tindirizza l-bżonnijiet immedjati ta' individwi milquta minn kriżi, per eżempju bil-għoti ta' għajnuna ta' ikel, ilma, kenn u mediċini ta' emerġenza.

b) Għajnuna ta' rijabilitazzjoni għal żmien medju bil-għan li tibni mill-ġdid l-infrastruttura, tniedi mill-ġdid il-produzzjoni u ssaħħaħ l-istituzzjonijiet.

c) It-tkomplija ta' għajnuna għall-iżvilupp għal żmien itwal.

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2258/96 tat-22 ta' Novembru 1996 dwar operazzjonijiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 1).

TABELLA 3

### PROĠETTI FFINANZJATI FIS-SRI LANKA

*(Miljun euro)*

| Deċiżjoni | Baġit | Imsieħeb | Titolu | Ammont |
|---|---|---|---|---|
| 2005 45 miljun euro | Kooperazzjoni Asja u l-Amerika Latina | Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti | Programm immedjat ta' l-impjiegi | 5,4 |
| | | Bank Asjatiku għall-Iżvilupp | Rijabilitazzjoni tat-triq Matara-Batticaloa | 39,4 |
| 2006 50 miljun euro | Rijabilitazzjoni | Organizzazzjoni Internazzjonali | Żvilupp ta' l-impjiegi tal-Komunità | 9,9 |
| | | Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti | Toroq ta' aċċess tal-Komunità | 29,9 |
| | | Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti | Rimedju ambjentali | 9,9 |
| **Total** | | | | **94,5** |

**8.** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna, ir-Rijabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD) [8] tenfasizza li dawn it-tliet fażijiet m'għandhomx jiġu indirizzati separatament, imma għandhom jiġu kkoordinati sabiex jassiguraw rabta qawwija bejniethom.

**9.** Ir-Regolament għall-Kooperazzjoni ma' l-Asja u l-Amerika Latina [9] jinkludi wkoll dispożizzjonijiet għall-finanzjament tar-rijabilitazzjoni wara d-diżastri [10]. L-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni tal-EuropeAid (EuropeAid) huwa responsabbli mill-implimentazzjoni ta' għajnuna għar-rijabilitazzjoni ffinanzjata kemm permezz tar-Regolament ta' Rijabilitazzjoni u kemm bir-Regolament għall-Kooperazzjoni ma' l-Asja u l-Amerika Latina.

**10.** Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida, stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 381/2001 [11] u bbażat fuq id-Direttorat-Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni, inħoloq biex jirrispondi b'urġenza għall-bżonnijiet tal-pajjiżi li qed ibatu minħabba diżastru. Ma jistax jiffinanzja l-assistenza umanitarja, imma jista' jiffinanzja biss azzjonijiet ta' sitt xhur jew inqas li ma setgħux jinbdew malajr biżżejjed taħt strumenti eżistenti. Il-proċedura tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida tippermetti risposta ta' malajr għax il-Kummissjoni għandha biss tinforma lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet maħsuba mingħajr ma teħtieġ adozzjoni formali.

[8] COM(96) 153 tat-30.4.1996 dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna, ir-Rijabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD).

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lil, u kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u fl-Amerika Latina (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

[10] Ir-Regolament ta' Rijabilitazzjoni jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet li jinvolvu sa 2 miljun euro mingħajr adozzjoni mill-Kumitat ta' l-Istati Membri, filwaqt li fir-Regolament għall-Kooperazzjoni ma' l-Asja u l-Amerika Latina l-livell massimu huwa ta' miljun euro.

[11] ĠU L 57, 27.2.2001, p. 5.

**11.** Mill-2007, l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp [12], li għandu jiġi implimentat mill-EuropeAid, u l-Istrument ta' Stabbiltà [13], li għandu jiġi implimentat mid-DĠ għar-Relazzjonijiet Esterni, issostitwew ir-regolamenti eżistenti. It-tnejn li huma jinkludu proċeduri transversali b'risposta għad-diżastri [14].

[12] Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

[14] Deċiżjonijiet ta' finanzjament ġeneralment jittieħdu wara l-adozzjoni mill-kumitat ta' ġestjoni ta' l-Istati Membri. Iżda, f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istrument ta' Stabbiltà jiddisponi sabiex jiġu ffinanzjati miżuri sa 20 miljun euro mingħajr l-adozzjoni mill-kumitat tal-ġestjoni ta' l-Istati Membri. L-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jinkludi faċilità għal reazzjoni rapida permezz ta' miżuri speċjali sa 10 miljun euro, fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti bħal diżastru naturali, mingħajr l-adozzjoni mill-kumitat ta' ġestjoni ta' l-Istati Membri.

**Impjant għat-trattament ta' skart likwidu qed jinbena fil-Honduras**



(*Sors*: ECA)

# KAPITOLU 2.
# AMBITU U APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

**12.** Il-verifika teżamina r-reazzjoni ta' rijabilitazzjoni tal-Kummissjoni għat-Tsunami fl-Oċean Indjan ta' Diċembru 2004 u tikkumplimenta dan b'eżami tar-risposti tal-Kummissjoni għall-Uragan Mitch. Għalkemm l-Uragan Mitch seħħ fl-1998, il-proġetti kienu għadhom qed jiġu ffinalizzati fl-2007.

**13.** L-għajnuna umanitarja hija lil hinn mill-ambitu ta' din il-verifika peress li ġiet eżaminata fir-Rapport Speċjali Nru 3/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar ir-reazzjoni ta' l-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni għat-Tsunami. Iżda, il-verifika teżamina r-rabta bejn l-għajnuna umanitarja fuq żmien qasir u r-rijabilitazzjoni fuq żmien itwal u l-kontribuzzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida f'dan ir-rigward.

**14.** L-eżami tar-reazzjoni tal-Kummissjoni għal dawn iż-żewġ diżastri kbar jippermetti li l-verifika tiffoka fuq tliet mekkaniżmi ta' implimentazzjoni differenti:

a) Unitajiet li jamministraw il-programmi (PMUs) fl-Amerika Ċentrali.

b) Kontribuzzjonijiet lill-fond b'donaturi multipli fl-Indoneżja.

c) Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali fis-Sri Lanka.

**15.** Id-domandi prinċipali indirizzati minn dan ir-rapport bil-għan li jevalwaw il-prestazzjoni tal-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni wara l-Uragan Mitch u t-Tsunami huma:

a) Il-Kummissjoni identifikat b'mod xieraq il-bżonnijiet ta' rijabilitazzjoni ta' dawk milquta mid-diżastri?

b) Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw li l-għajnuna hija implimentata fil-ħin u b'mod effiċjenti?

c) Il-proġetti kisbu r-riżultati mistennija u hemm rabta sodisfaċenti bejn l-għajnuna fuq żmien qasir u l-iżvilupp fuq żmien itwal?

**16.** Il-verifika kienet ibbażata fuq eżami tad-dokumenti, intervisti u żjarat fuq il-post. Is-sistemi għall-ġestjoni, sorveljanza u kontroll ta' l-għajnuna kienu evalwati u kkorroborati bi żjarat lill-imsieħba u proġetti fin-Nikaragwa, il-Ħonduras, l-Indoneżja u s-Sri Lanka. It-*Tabella 4* turi proġetti u msieħba miżjura fuq il-post. Il-proġetti għaż-żjarat fuq il-post intgħażlu skond il-kriterji tas-settur, il-lok, l-ammont, l-istadju ta' implimentazzjoni u t-tip ta' imsieħeb sabiex tinkiseb stampa ġenerali raġonevoli.

TABELLA 4

## PROĠETTI TA' RIJABILITAZZJONI MIŻJURA FUQ IL-POST

*(Miljun euro)*

| Imsieħeb | Deskrizzjoni tal-proġett | Iffinanzjar tal-Kummissjoni [1] |
|---|---|---|
| **NIKARAGWA** | | |
| PMU | It-tisħiħ tas-settur edukattiv (FOSED) | 18,7 |
| PMU | Il-proġett integrat Estelí Ocotal (PRIESO) | 18,9 |
| PMU | Rijabilitazzjoni u tisħiħ tas-servizzi tas-saħħa fil-Managua (FORSIMA) | 10,2 |
| PMU | Proġett Integrat tal-periferija ta' Managua (PROMAPER) | 23,9 |
| Nazzjonijiet Uniti | Ilma u dranaġġ fid-dipartiment ta' León | 1,5 |
| **Valur totali ta' proġetti miżjura fin-Nikaragwa** | | **73,2** |
| **ĦONDURAS** | | |
| PMU | Ilma u dranaġġ f'Tegucigalpa | 26,7 |
| PMU | Saħħa u Edukazzjoni | 23,1 |
| PMU | Sostenn lill-ġestjoni muniċipali, lid-djar u lis-settur privat (żvilupp lokali) | 23,9 |
| **Valur totali ta' proġetti miżjura fil-Ħonduras** | | **73,7** |
| **INDONEŻJA** | | |
| Bank Dinji | Rikostruzzjoni tas-Sistema ta' Amministrazzjoni ta' l-Art f'Aceh | 8,4 |
| Bank Dinji | Proġett ta' żvilupp Kecamatan (KDP) | 19,0 |
| Bank Dinji | Proġett tal-faqar urban (UPP) | 5,3 |
| Bank Dinji | Proġett ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni tas-sistemazzjoni bbażat fil-komunità (REKOMPAK) | 24,9 |
| Nazzjonijiet Uniti | Programm tal-ġestjoni ta' l-irkupru ta' l-iskart tat-Tsunami | 4,2 |
| **Valur totali ta' proġetti miżjura fl-Indoneżja** | | **61,8** |
| **SRI LANKA** | | |
| Nazzjonijiet Uniti | Programm immedjat ta' l-impjiegi | 5,4 |
| Bank Asjatiku għall-Iżvilupp | Rijabilitazzjoni tat-triq Matara-Batticaloa | 39,4 |
| Organizzazzjoni Internazzjonali | Żvilupp ta' l-impjiegi tal-Komunità | 9,9 |
| Nazzjonijiet Uniti | Toroq ta' aċċess tal-Komunità | 29,9 |
| Nazzjonijiet Uniti | Rimedju ambjentali | 9,9 |
| **Valur totali ta' proġetti miżjura fis-Sri Lanka** | | **94,5** |

[1] Għall-proġetti fl-Indoneżja l-ammont muri huwa 40 % tal-finanzjament mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli li jirċievi 40 % tal-finanzjament tiegħu mill-Kummissjoni.

# KAPITOLU 3. OSSERVAZZJONIJIET

## TAQSIMA 3.1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-BŻONNIJIET TA' RIJABILITAZZJONI U T-TFASSIL TA' PROĠETTI

**17.** Il-verifika eżaminat jekk, wara li seħħew l-Uragan Mitch u t-Tsunami, matul il-fażi inizjali ta' l-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni żviluppatx strateġija għall-fażi ta' rijabilitazzjoni sussegwenti, li ffukat mhux biss fuq ir-rijabilitazzjoni fiżika ta' l-istruttura bażika imma wkoll fuq bżonnijiet akbar [15]. Il-verifika eżaminat ukoll jekk din l-istrateġija ta' rijabilitazzjoni mbagħad kinitx imsarrfa fi proġetti fil-ħin, u l-punt safejn kien hemm parteċipazzjoni tal-benefiċjarju għas-sostenibilità ta' l-għajnuna.

### STRATEĠIJA TA' RIJABILITAZZJONI FIL-ĦIN LI TINKORPORA KWISTJONIJIET USA'

**18.** Wara l-Uragan Mitch f'Ottubru 1998, il-Kummissjoni żviluppat l-istrateġija ta' rijabilitazzjoni tagħha f'inqas minn sitt xhur. Ir-reazzjoni ta' rijabilitazzjoni ppjanata tagħha kienet stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni Komunitarju għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali ta' April 1999 [16]. Dan id-dokument kien il-bażi għall-iffissar tal-Programm Reġjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (PRRAC). Il-programm iffoka fuq l-edukazzjoni u s-saħħa, u mmira mhux biss biex jirrijabilita l-infrastruttura li kienet ġarrbet danni imma wkoll biex itejjeb u jittrasforma servizzi li jipprovdu bażi għal żvilupp aktar sostenibbli.

**19.** Wara t-Tsunami ta' l-Oċean Indjan ta' Diċembru 2004, ir-reazzjoni ta' rijabilitazzjoni ppjanata tal-Kummissjoni ġiet żviluppata wkoll f'inqas minn sitt xhur u kienet stabbilita fil-Programm Indikattiv tat-Tsunami ta' Mejju 2005 [17]. Il-programm kien jimmira għall-bini tat-toroq, djar, skejjel u sptarijiet u għall-bidu mill-ġdid ta' l-impjiegi. Irrikonoxxa li l-impatt tat-Tsunami kien imur lil hinn mid-dawra dejqa tax-xatt li kienet mgħarrqa mill-mewġa u mmirat li tipprovdi għajnuna għal żvilupp usa' għall-popolazzjoni sħiħa tad-distretti milquta. Irrikonoxxa ukoll il-bżonn għal sensittività dwar il-kunflitti kontinwi bejn il-Gvern u l-organizzazzjonijiet separatisti kemm f'Aceh kif ukoll fis-Sri Lanka. F'Aceh, kunflitt ta' 30 sena bejn il-Gvern ta' l-Indoneżja u l-Free Aceh Movement (GAM) wassal għall-mewt ta' 15 000 ruħ. Fis-Sri Lanka l-gwerra ċivili kontinwa bejn il-Gvern u l-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE) sa mill-1983 ħalliet 60 000 ruħ mejta. Meta seħħ it-Tsunami f'Diċembru 2004, wara tliet snin ta' waqfien mill-ġlied u wara li 400 000 ruħ reġgħu lura f'darhom, kien għad hemm madwar 400 000 każ ta' persuni mċaqalqa minħabba l-kunflitt.

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2001) 153 tat-23.4.2001 dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna, ir-Rijabilitazzjoni u l-Iżvilupp - Evalwazzjoni u Komunikat tal-Kummissjoni COM(2005) 153 ta' l-20.4.2005 biex jiġi msaħħaħ ir-rispons ta' l-UE f'każi ta' Diżastri u ta' Kriżi f'pajjiżi terzi.

[16] COM(1999) 201 tat-28.4.1999 - Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-pjan ta' azzjoni tal-komunità għar-rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali.

[17] C(2005) 1490 tat-23.5.2005 - Programm Indikattiv tat-Tsunami, l-Indoneżja, is-Sri Lanka, il-Maldive (2005-2006).

## TFASSIL AKTAR MALAJR U PARTIĊIPAZZJONI AQWA MILL-BENEFIĊJARJI GĦAT-TSUNAMI MILLI GĦALL-URAGAN MITCH

**20.** Wara l-Uragan Mitch, l-istrateġija inizjali stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali ta' April 1999 imbagħad ġiet tradotta fi proġetti speċifiċi minn uffiċċju ta' l-assistenza teknika. Dan il-proċess ta' tfassil beda f'Ottubru 1999 u dam tliet snin sa Ottubru 2002, erba' snin wara li seħħ l-Uragan Mitch. Minħabba t-tul ta' dan il-proċess ta' tfassil, xi proġetti kellhom jerġgħu jiġu mfassla mill-ġdid mill-unitajiet tal-ġestjoni tal-programm (PMUs) responsabbli mill-implimentazzjoni, li kompla tawwal iż-żmien qabel ma l-proġetti setgħu jinbdew. Barra dan, l-għażla ta' 15-il unità li jamminstraw il-programmi mingħajr korpi nazzjonali simili naqqset ir-rabta ma' l-awtoritajiet nazzjonali waqt il-fażi ta' tfassil.

**21.** B'differenza, fl-Indoneżja wara t-Tsunami, il-proċess ta' tfassil kien aktar mgħaġġel. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli f'Mejju 2005 approvat erba' proposti ta' kunċetti ta' proġett b'total ta' 150 miljun euro, u l-proposti tal-proġett dettaljati ġew imbagħad approvati għall-erba' proġetti kollha sa Awwissu 2005. Waħda mir-raġunijiet prinċipali għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twassal l-għajnuna tagħha permezz tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli kienet li ttejjeb il-koordinazzjoni. Il-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli approva biss proġetti li qabel kienu ġew iċċekkjati mill-aġenzija Governattiva responsabbli mill-koordinazzjoni tar-rikostruzzjoni. Barra dan, il-proġetti ta' sikwit inkorporaw approċċ ta' ppjanar parteċipatorju sabiex jassigura li l-bżonnijiet reali jiġu indirizzati u sabiex itejjeb il-prospetti tas-sostenibilità tal-proġetti.

**22.** Bl-istess mod, fis-Sri Lanka, il-fażi ta' tfassil kienet aktar rapida, u l-ftehim ġew iffirmati sa Novembru 2005 għall-ewwel *tranche* ta' 45 miljun euro, li twasslu permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali. Bħal fl-Indoneżja, il-Kummissjoni ħadmet ukoll permezz tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju, fil-livell tad-distrett, li jitqies aktar effettiv, u l-proġetti ta' sikwit kienu jinvolvu approċċ ta' ippjanar parteċipatorju biex jgħin is-sostenibilità. B'kuntrast, kien hemm dewmien fil-fażi ta' tfassil għat-tieni *tranche* ta' 50 miljun euro fis-Sri Lanka minħabba problemi politiċi gravi fil-pajjiż. Għall-ewwel dawn il-fondi kienu ppjanati li jitwasslu permezz tal-fond ta' trust ta' l-Istruttura ta' Ġestjoni Operattiva ta' Wara t-Tsunami (PTOMS) miftiehma f'Ġunju 2005 [18]. Iżda, f'Diċembru 2005 il-PTOMS ġiet iddikjarata mhux kostituzzjonali u wara l-falliment tagħha d-Delegazzjoni bdiet it-tfassil mill-ġdid immedjatament.

[18] L-Istruttura Operattiva ta' Ġestjoni wara t-Tusnami (PTOMS) kienet mekkaniżmu biex talloka fondi ta' wara t-Tsunami ffinanzjati esternament lill-Grigal permezz ta' serje ta' kumitati li kellhom rappreżentanti mill-Gvern (prinċipalment jirrappreżentaw il-popolazzjoni Sinhaliża), il-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE) u l-komunità Musulmana.

## TAQSIMA 3.2. L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA

23. Il-verifika eżaminat jekk l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni kinitx rapida biżżejjed biex tissodisfa l-bżonnijiet ta' dawk milquta mid-diżastri [19], u jekk is-sistemi li l-Kummissjoni kienet isserraħ fuqhom biex tissorvelja b'mod effiċjenti l-implimentazzjoni u l-progress mal-pjanijiet kinux jippermettu li l-ġestjoni finanzjarja tajba ta' l-għajnuna tiġi assigurata [20].

### IMPLIMENTAZZJONI RAPIDA GĦALL-INDONEŻJA, BIL-MOD GĦAS-SRI LANKA U L-URAGAN MITCH

24. Wara fażi twila ta' tfassil ta' proġett fl-Amerika Ċentrali, kien hemm aktar dewmien waqt l-implimentazzjoni, ta' sikwit marbut ma' diffikultajiet biex jinstabu kuntratturi sodisfaċenti jew biex tiġi identifikata art xierqa (ara l-kaxxa 1).

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2258/96 tat-22 ta' Novembru 1996 dwar operazzjonijiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'pajjiżi żviluppati (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 1).

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2005) 153 ta' l-20.4.2005 sabiex jiġi Msaħħaħ ir-Rispons ta' l-UE f'każi ta' Diżastru u ta' Kriżi f'pajjiżi terzi.

KAXXA 1

### EŻEMPJI TA' DEWMIEN

Fin-Nikaragwa, proġett ta' xogħol ta' dranaġġ ma bediex qabel l-2006, jiġifieri aktar minn seba' snin wara l-Uragan Mitch, minħabba fażi ta' tfassil inizjali twila, il-bżonn ta' tfassil mill-ġdid minħabba tfassil inizjali insodisfaċenti u diffikultajiet biex jinstab kuntrattur xieraq. L-iskadenzi ġew estiżi għall-unità li tamministra l-programm responsabbli mill-proġett ta' l-ilma u s-sistema tad-dranaġġ fil-Ħonduras minħabba diffikultajiet biex tiġi identifikata art xierqa, u għall-unità li tamministra l-programm għall-proġett tas-saħħa u l-edukazzjoni fil-Ħonduras minħabba n-nuqqas ta' kapaċità ta' l-aġenzija implimentattiva.

Fis-Sri Lanka, il-Kummissjoni wasslet 40 miljun euro permezz tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp għar-rijabilitazzjoni tat-toroq nazzjonali. Ix-xogħol fuq l-A2 fin-nofsinhar beda biss fl-2007 filwaqt li l-offerta għax-xogħol fuq l-A4 fil-Lvant kienet għadha qed tiġi evalwata f'Settembru 2007. It-tlestija tal-proġett ta' 5 miljun euro għall-iżvilupp ta' l-impjiegi, implimentat mill-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti u li ġie mdewwem minħabba sitwazzjoni ta' sigurtà li dejjem kienet qed taggrava, ġiet estiża b'sena sa Settembru 2008.

**25.** Mir-reazzjonijiet differenti, dik tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja kienet l-aktar mgħaġġla, u minkejja xi dewmien inkisbu bosta riżultati hemm-hekk fis-sentejn ta' wara t-Tsunami.

**26.** Fis-Sri Lanka, il-progress kien bil-mod. Kien hemm dewmien fir-rijabilitazzjoni tat-toroq nazzjonali ffinanzjata mill-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp. Barra dan, konsegwenza tal-bżonn ta' tfassil mill-ġdid (ara l-paragrafu 22), ix-xogħol fuq il-proġetti implimentati mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti kien għadu qed jibda fit-tieni nofs ta' l-2007. Kien hemm aktar dewmien prinċipalment minħabba diffikultajiet ta' reklutaġġ tal-persunal. Bħala konsegwenza, kważi tliet snin wara t-Tsunami, ix-xogħol kien għadu qed jibda fuq il-proġetti għat-titjib ta' l-ambjent u t-toroq komunitarji, implimentati mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Xogħol għaddej fuq it-triq nazzjonali A2 fis-Sri Lanka.**



*(Sors*: ECA)

## IL-BŻONN LI JIĠU MSAĦĦA S-SISTEMI TA' SORVELJANZA BIEX JASSIGURAW L-EFFIĊJENZA

**27.** Fl-Amerika Ċentrali proġetti ta' rijabilitazzjoni ġew implimentati permezz ta' l-unitajiet li jamministraw il-programmi, u d-Delegazzjoni ġeneralment kellha sorveljanza u kontroll mill-vicin ta' l-infiq. Iżda l-Kummissjoni ma assiguratx id-disponibilità ta' informazzjoni standard jew li tippermetti l-paragun ta' l-ispejjeż biex tissorvelja u turi l-effiċjenza fl-implimentazzjoni (ara l-kaxxa 2). Barra minn hekk, għal xi proġetti, bħal xogħlijiet ta' ilma u dranaġġ, il-Kummissjoni ma assiguratx l-iżvilupp ta' miri ta' produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar biex tevalwa jekk il-prodotti ppjanati intlaħqux. Barra dan, l-evalwazzjoni ta' nofs terminu esterna ppjanata tal-Programm Reġjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (PRRAC) ma twettqitx.

**KAXXA 2**

### NUQQAS TA' INFORMAZZJONI STANDARD JEW LI TIPPERMETTI PARAGUN TA' L-ISPEJJEŻ

L-ispejjeż unitarji ta' attivitajiet komparabbli fil-Programm Reġjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (per eżempju għal kull dar, l-ispiża għal kull metru kubu ta' ħażna ta' ilma; għal kull latrina, l-ispiża għal kull metru ta' pajpijiet ta' dranaġġ u ilma) mhumiex ikkalkolati b'mod sistematiku u mqabbla mid-Delegazzjoni sabiex jiġu segwiti, ġustifikati u spjegati varjazzjonijiet sinifikanti. Dan minkejja indikazzjonijiet ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet bi spejjeż unitarji. Per eżempju, l-unità li tamministra l-programm responsabbli għall-proġett fil-periferija ta' Managua ħallset 7 000 euro għal kull dar lill-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li l-unità li tamministra l-programm responsabbli mill-proġett muniċipali ta' ġestjoni fil-Ħonduras kienet kapaċi tibni djar b'2 900 euro l-waħda biss billi tinvolvi l-benefiċjarji fit-timijiet tal-kostruzzjoni.

Ir-rapporti tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja ma jorbtux il-prodotti tal-proġetti ma' l-ispejjeż korrispondenti u bħala konsegwenza ta' dan ma jipproduċux bażi għall-evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-ispejjeż jew għal analiżi komparattiva.

Fis-Sri Lanka d-Delegazzjoni tat proġetti b'total ta' madwar 40 miljun euro lill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti. Abbażi ta' evalwazzjoni wiesgħa d-Delegazzjoni kkunsidrat li dan l-approċċ huwa aħjar mill-użu ta' kuntratturi privati jew organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-effiċjenza ta' l-approċċ magħżul, tidher mill-fatt li l-ispejjeż ta' l-unità, bħall-ispiża għal kull kilometru ta' toroq mibnija mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti permezz ta' kuntratti komunitarji (b'konsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet lokali), jistgħu jiġu sorveljati u mqabbla ma' l-ispejjeż ta' mekkaniżmi alternattivi.

**28.** Fl-Indoneżja, il-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli jirċievi 40 % tal-Fondi tiegħu mill-Kummissjoni u 50 % oħra minn Stati Membri ta' l-UE. Il-parti l-kbira tal-proġetti ffinanzjati mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli hija ġestita mill-Bank Dinji li ma qasamx sistematikament mal-Kumitat ta' Tmexxija rapporti ta' sorveljanza interni wara żjarat fuq il-post tal-proġetti. Ir-rapporti ta' progress annwali ppubblikati mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli ma tawx stampa sħiħa u bilanċjata ta' l-istat ta' implimentazzjoni tal-proġetti imma minflok enfasizzaw il-progress filwaqt li ma semmewx ix-xogħol b'lura. Il-Kummissjoni u donaturi oħra rnexxielhom itejbu l-kwalità ta' l-informazzjoni billi jiksbu rapport ta' progress dettaljat għall-perijodu sa Diċembru 2006 u susseg-wentement għal perijodi ta' sitt xhur. Bħal fil-każ ta' wara l-Uragan Mitch, informazzjoni li tippermetti l-paragun ta' l-ispejjeż ma kinitx disponibbli u għal xi proġetti ma ġewx żviluppati miri ta' produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar, bħall-Proġett tal-Faqar Urban, li għalih ingħatat lista ta' bżonnijiet totali li eċċediet il-finanzjament disponibbli.

**29.** Fis-Sri Lanka, għal proġetti implimentati minn aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni ma assiguratx id-disponibilità ta' informazzjoni li tippermetti paragun ta' l-ispejjeż għas-sorveljanza u l-wirja ta' l-effiċjenza ta' l-implimen-tazzjoni. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma assiguratx l-iżvilupp ta' miri ta' produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar għal proġetti li qed jiġu implimentati mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, biex tevalwa jekk il-prodotti ppjanati nkisbux. Barra dan, għal dawn il-proġetti, id-Delegazzjoni kienet għadha ma stabbilietx proċeduri għall-approvazzjoni tat-tfassil tax-xogħlijiet ippjanati u għall-aċċettazzjoni tax-xogħlijiet lesti.

## TAQSIMA 3.3. KISBA TAR-RIŻULTATI

30. Il-verifika eżaminat jekk il-prodotti mistennija nkisbux b'viżibilità xierqa u jekk il-proġetti ssodisfawx il-bżonnijiet mhux biss ta' dawk milquta direttament mill-Uragan Mitch u mit-Tsunami imma wkoll tal-popolazzjoni in ġenerali. Eżaminat ukoll jekk l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni ffurmatx rabta effettiva bejn minn naħa l-għajnuna umanitarja inizjali fuq żmien qasir u min-naħa l-oħra l-għajnuna għall-iżvilupp fuq żmien itwal [21]. Il-punt ta' appartenenza u l-pjanijiet għal finanzjament fil-futur ġew eżaminati wkoll sabiex jiġu evalwati l-prospetti għas-sostenibilità.

[21] Määrus (EÜ) nr 2258/96.

KAXXA 3

### PRODOTTI

L-unitajiet li jamministraw il-programmi fin-Nikaragwa li implimentaw il-PRRAC, fost affarijiet oħra, bnew jew irrijabilitaw 139 skola, 'il fuq minn 1 050 dar, ħames ċentri tas-saħħa, il-kwartieri ġenerali ta' l-awtorità tas-saħħa, xogħlijiet ta' ilma għax-xorb u dranaġġ inklużi bjar, ħażna ta' l-ilma u latrini. Fil-Ħonduras il-prodotti inkludew ix-xogħlijiet ta' l-ilma tax-xorb u d-dranaġġ, 1 280 dar ġdida u 200 rijabilitata, u 336 skola ġdida jew rijabilitata u ċentri tas-saħħa.

Sa tmiem l-2006 il-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja sostna l-bini jew ir-rijabilitazzjoni ta' 2 100 dar, 1 900 km ta' toroq tal-villaġġi, 240 skola, 118-il ċentru komunitarju, 40 ċentru tas-saħħa u 680 xogħol ta' ilma nadif. Iżda, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twassal il-finanzjament permezz tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli naqqas il-viżibilità ta' l-UE f'għajnejn il-benefiċjarji u d-donaturi.

Fis-Sri Lanka, sat-tieni nofs ta' l-2007, il-prodotti kienu għadhom limitati hekk kif ix-xogħol kien għadu qed jibda fuq il-proġetti tat-toroq nazzjonali u komunitarji implimentati mill-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp u l-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti. Madwar 100 attività ta' impjieg kienu għaddejjin jew kompluti fil-qafas tal-proġetti għall-iżvilupp ta' l-impjiegi. Kważi nofs il-ġbir tat-tifrik ippjanat seħħ fil-qafas tal-programm għar-rimedju ta' l-ambjent imma l-bini ta' siti għar-radam u ċ-ċentri ta' riċiklaġġ ma kinux inbdew minħabba dewmien biex jiġu identifikati postijiet xierqa.

## KISBA TA' BOSTA PRODOTTI UTLI

**31.** Minkejja d-diffikultajiet biex jiġu mqabbla l-kisbiet u l-miri ippjanati (ara l-paragrafi 27 sa 29), il-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni taw bosta prodotti fl-Amerika Ċentrali u fl-Indoneżja (ara l-kaxxa 3). Iżda, il-Kummissjoni u l-imsieħba tagħha f'xi każijiet ma akkumulawx biżżejjed informazzjoni – bħal informazzjoni komparabbli dwar l-ispejjeż – biex juru jekk dawn il-prodotti rrappreżentawx użu effiċjenti tal-fondi (ara l-paragrafi 27 sa 29). Fis-Sri Lanka, sat-tieni nofs ta' l-2007 il-prodotti kienu ftit li xejn, prinċipalment minħabba t-tiġdid tal-konflitt (ara l-paragrafi 22 sa 26).

**Ħażna ta' l-ilma fin-Nikaragwa.**



*(Sors*: ECA*)*

**32.** Wara ż-żewġ diżastri kien hemm żidiet sinifikanti fil-prezzijiet minħabba żieda fit-talba għall-ħaddiema, impjant u materjali. Għal proġetti mingħajr miri tal-produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar, l-impatt ta' l-inflazzjoni ma setax jitkejjel, imma fejn ġew iffissati miri ċari ma kienx hemm fondi biżżejjed biex jitwettqu l-attivitajiet kollha ppjanati fil-bidu (ara l-kaxxa 4).

**33.** Il-kisba tar-riżultati tal-proġetti ma tiddependix biss fuq il-produzzjoni tal-prodotti, imma wkoll mill-assigurazzjoni li dawn il-prodotti huma utli għall-benefiċjarji. Fl-Indoneżja, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-bżonn li ttejjeb l-utilità tad-djar iffinanzjati mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli billi tagħti l-infrastruttura ta' sostenn neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tat-twassil ta' l-ilma għax-xorb. Fit-tliet pajjiżi kollha miżjura, il-proġetti ma mmirawx biss li jissostitwixxu l-infrastruttura mkissra u jgħinu l-popolazzjoni milquta direttament (ara l-paragrafi 18 u 19). Minflok, il-proġetti kkonsistew prinċipalment fi żvilupp aktar milli f'attivitajiet ta' rijabilitazzjoni u l-benefiċjarji kienu jinkludu l-popolazzjoni in ġenerali (ara l-kaxxa 5).

**KAXXA 4**

## L-IMPATT TA' L-INFLAZZJONI FUQ IL-PRODOTTI

L-unità li tamministra l-programmi responsabbli biex ittejjeb is-servizzi tas-saħħa fin-Nikaragwa ma kellhiex biżżejjed fondi biex tibni ċ-ċentri tas-saħħa ppjanati f'San Rafael del Sur. Dan kien minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-ħaddiema u l-materjali li qabżu sew l-iffinanzjar lokali addizzjonali li kien disponibbli mit-tisħiħ ta' l-euro kontra l-córdoba tan-Nikaragwa.

Il-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja ppjana illi jibni sa 10 000 dar u jsewwi 15 000 oħra. Iżda, dawn il-miri tnaqqsu għal 6 000 u 8 400 dar rispettivament minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet.

Fis-Sri Lanka, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet, il-fondi ma kinux biżżejjed biex ikopru t-toroq u l-attivitajiet kollha ppjanati fil-bidu fil-qafas tal-proġett ta' rijabilitazzjoni tat-toroq implimentat permezz tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp. Konsegwenza ta' dan, pjanijiet ta' madwar 8 miljun euro f'bini ta' kapaċità u attivitajiet għall-bini ta' toroq twaqqfu u finanzjament addizzjonali ta' 13-il miljun euro ġie trasferit minn programm ta' rijabilitazzjoni tat-toroq ieħor biex ikopri l-ispejjeż tal-bini li kienu aktar minn dawk mistennija. It-tisħiħ ta' l-euro kontra r-rupiah tas-Sri Lanka fl-2006 u fl-2007 mistenni li jpaċi l-impatt ta' aktar żidiet fil-prezzijiet.

**Dar f'Aceh iffinanzjata mill-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli.**



*(Sors*: ECA*)*

KAXXA 5

## PROĠETTI LI MHUX BISS ISSOSTITWEW L-INFRASTRUTTURA MĠARRFA

Il-proġett ta' l-edukazzjoni fin-Nikaragwa u l-proġett ta' l-ilma u d-dranaġġ fil-Ħonduras indirizzaw prinċipalment il-bżonnijiet eżistenti qabel l-Uragan Mitch. L-ebda wieħed miċ-ċentri tas-saħħa mibnija mill-unità li tamministra l-programmi responsabbli mill-proġett tas-saħħa fin-Nikaragwa ma ssostitwixxa dawk li ġew meqruda jew li ġġarrfu ħafna mill-Uragan Mitch. Bl-istess mod djar mibnija mill-unitajiet li jamministraw il-programmi ma nbnewx biex jissostitwixxu dawk meqruda mill-Uragan. Minflok, il-benefiċjarji ntgħażlu abbażi tal-faqar u l-vulnerabilità. Il-muniċipju l-qadim f'Sandino ma nqeridx mill-Uragan Mitch, imma nbena muniċipju ġdid minħabba li l-influss ta' refuġjati żied ix-xogħol ta' amministrazzjoni tal-muniċipju.

Fl-Indoneżja, il-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli ffinanzja proġett ta' 50 miljun euro għall-iżvilupp ta' sotto-distretti (il-Proġett ta' Żvilupp ta' Kecamatan). Minn 221 sotto-distrett kopert mill-proġett, 134 (aktar minn 60 %) ma kinux milquta direttament mit-Tsunami.

Fis-Sri Lanka madwar 70 miljun euro ġew allokati għar-rijabilitazzjoni ta' toroq nazzjonali u rurali permezz ta' proġetti ġestiti mill-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp u aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn it-toroq kienu fi stat ħażin qabel it-Tsunami. Il-proġett ta' immaniġġjar ta' l-iskart implimentat minn aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti jkopri d-distrett sħiħ ta' Ampara u mhux biss il-parti tal-kosta li ntlaqtet direttament.

## RABTIET KONTRASTANTI MA' GĦAJNUNA UMANITARJA PREĊEDENTI

**34.** Kien hemm rabta dgħajfa bejn l-għajnuna umanitarja tal-bidu u l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni ta' warajha li ngħataw minħabba l-Uragan Mitch fl-1998, minħabba l-proċess twil ta' tfassil u d-dewmien sussegwenti relatat mar-reazzjoni tar-rijabilitazzjoni (ara l-paragrafi 20 u 24).

**35.** Wara t-Tsunami, ir-risposta tal-Kummissjoni kienet aktar sensittiva għar-rabta bejn l-għajnuna u r-rijabilitazzjoni, u fl-Indoneżja, b'mod partikolari, kien hemm taħlita ta' fatturi li saħħew din ir-rabta:

a) Ir-reazzjoni relattivament rapida tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli (ara l-paragrafu 25) ippermettiet li xi proġetti ta' rijabilitazzjoni joħolqu rabta mal-proġetti umanitarji tad-Direttorat-Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (ECHO). Per eżempju, ECHO ta kenn temporanju filwaqt li l-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli mbagħad kompla din l-attività billi bena djar permanenti.

b) Iż-żmien twil ta' intervent umanitarju ta' ECHO sa nofs l-2007 għen biex tinħoloq rabta bejn l-għajnuna u r-rijabilitazzjoni, b'mod partikolari peress li inkluda rijabilitazzjoni ta' terminu qasir, bħall-bini ta' dgħajjes u xatt f'Lampuuk f'Aceh.

c) Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida ffinanzja attivitajiet li għenu biex joħolqu rabta bejn l-għajnuna u r-rijabilitazzjoni, bħall-proviżjoni ta' stampi bis-satellita. Iffinanzja wkoll l-isforzi ta' medjazzjoni bejn il-Gvern Indoneżjan u l-Free Aceh Movement (GAM), li wassal għal ftehim ta' paċi f'Awwissu 2005, li saħħaħ il-bażi għar-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp fuq żmien itwal.

**36.** Minkejja dan, il-Fond b'Donaturi Multipli indirizza b'dewmien il-qasam prinċipali biex jagħti mill-ġdid l-impjiegi mitlufa minħabba t-Tsunami. Kien biss f'Mejju 2007 li l-Fond b'Donaturi Multipli rriżerva 50 miljun euro għall-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi. Għalkemm ħafna nies ġew impjegati fi proġetti tal-Fond b'Donaturi Multipli dan kien fuq żmien qasir biss u l-parti l-kbira tal-ħaddiema tas-snajja' ma kinux minn Aceh.

**Il-proġett ECHO biex jagħti mill-ġdid l-impjiegi lis-sajjieda f'Aceh.**



*(Sors*: ECA*)*

37. Fis-Sri Lanka, ECHO baqa' wkoll sa nofs l-2007 u l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida ffinanzja Quick Recovery Project ta' 2 miljun euro biex jitneħħa l-irdim u jittejjeb id-dranaġġ. Iżda, minkejja dawn il-miżuri, ir-rabta bejn l-għajnuna u r-rijabilitazzjoni kienet dgħajfa għax ECHO kien ikkonċentra l-attivitajiet umanitarji tiegħu fit-Tramuntana u fil-Lvant li mbagħad fil-biċċa l-kbira saru inaċċessibbli minħabba  l-eskalazzjoni tal-konflitt. Konsegwenza ta' dan, ma setgħux jiġu implimentati attivitajiet ta' rijabilitazzjoni f'ħafna oqsma fejn attivitajiet ta' l-ECHO kienu twettqu preċedentement. Barra dan, il-Kummissjoni għażlet li ma ssegwix id-dispożizzjonijiet ta' kenn transitorji bil-bini ta' djar permanenti għax is-settur tad-djar tat-Tsunami, meta mqabbel ma' setturi oħrajn, kellu fondi żejda minn donaturi oħra.

### RABTA B'SAĦĦITHA MA' L-IŻVILUPP FUQ ŻMIEN ITWAL

38. L-istrateġija ta' reazzjoni tal-Kummissjoni wara ż-żewġ diżastri ma kinitx biss li tibni mill-ġdid l-infrastruttura mġarrfa u tagħti mill-ġdid l-impjiegi lil dawk milquta direttament mid-diżastru, imma wkoll biex tindirizza l-bżonnijiet ta' żvilupp fuq żmien itwal, u mhux biss ta' dawk milquta direttament mid-diżastru, imma tal-popolazzjoni in ġenerali (ara l-paragrafi 18, 19 u 33). Din l-orjentazzjoni ta' żvilupp usa' ġiet implimentata fil-prattika. Dan l-approċċ kien konsistenti ma' l-istrateġiji nazzjonali u għalhekk apprezzat minn gvernijiet benefiċjarji li enfasizzaw l-importanza ta' "trasformazzjoni" wara l-Uragan Mitch u "bini mill-ġdid aħjar" wara t-Tsunami. Per eżempju, ir-rapport tal-Gvern ta' Sri Lanka ta' Diċembru 2006 fuq l-Irkupru wara t-Tsunami faħħar lil dawk l-imsieħba li mmiraw distretti sħaħ u mhux biss il-parti tal-kosta direttament milquta mit-Tsunami.

## TĦASSIB DWAR IS-SOSTENIBILITÀ TAL-PROĠETTI

**39.** Wara l-Uragan Mitch, l-implimentazzjoni tar-reazzjoni ta' rijabilitazzjoni tal-Kummissjoni fl-Amerika Ċentrali permezz ta' l-unitajiet li jamministraw il-programmi mingħajr kontraparti nazzjonali issa tidher inkonsistenti ma' l-enfasi fuq l-appartenenza fil-politika ta' l-iżvilupp attwali [22]. Konsegwenza ta' dan, hemm riskju ta' sostenibilità baxxa minħabba nuqqas ta' involviment mill-istituzzjonijiet lokali li xi wħud mill-proġetti ppruvaw jindirizzaw billi bnew appartenenza lokali matul l-implimentazzjoni tal-proġett. Minkejja dan, komunitajiet benefiċjarji ma kinux involuti direttament fil-bini ta' ċentri tas-saħħa u skejjel, u s-sostenibilità ta' proġetti ta' l-ilma u d-dranaġġ ser tiddependi fuq it-twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi ta' fatturazzjoni u ta' politiki nazzjonali f'dan il-qasam.

[22] Il-Consensus Ewropew dwar l-Iżvilupp adottat b'mod konġunt f'Diċembru 2005 mill-Kunsill u l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament (ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1) jgħid li l-prinċipju komuni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa l-appartenenza ta' programmi minn pajjiżi msieħba. Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi fuq l-Effettività ta' l-Għajnuna ta' Marzu 2005 iffirmata mill-Ministri ta' Pajjiżi Żviluppati u dawk li qed Jiżviluppaw, bl-istess mod tafferma l-impenn biex tiġi allineata l-għajnuna mas-sistemi u l-proċeduri ta' pajjiżi msieħba u l-għajnuna għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom.

**Skola li għadha kif inbniet fil-Ħonduras.**



*(Sors: ECA)*

**40.** B'kuntrast, fl-Indoneżja wara t-Tsunami, l-aġenzija nazzjonali responsabbli mill-koordinazzjoni tar-rikostruzzjoni ċċekkjat il-proposti tal-proġetti kollha tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli u kienet ukoll ko-president. Barra dan, il-proġetti adottaw ukoll approċċ ta' ippjanar parteċipatorju biex jassiguraw li jissodisfaw il-prijoritajiet lokali. Il-ħidma b'dan il-mod mal-popolazzjoni li kienet sejra tibbenefika tejbet il-prospetti ta' sostenibilità, b'mod partikolari bil-ftehim ta' paċi illi kkontribwiet għalih il-Kummissjoni billi ffinanzjat l-isforzi għall-medjazzjoni. Minkejja dan, is-sostenn kontinwu mill-gvern u l-iffinanzjar sostenibbli jibqgħu kwestjonijiet sensittivi.

**41.** Bl-istess mod, fis-Sri Lanka, kien hemm konsultazzjoni konsiderevoli mal-popolazzjoni lokali. Minkejja dan, is-sostenibilità tal-proġett tal-maniġment ta' l-iskart implimentat mill-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti, ser tiddependi fuq it-twaqqif ta' mekkaniżmu effettiv ta' fatturazzjoni. Is-sostenibilità tat-toroq nazzjonali, implimentati permezz tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp, ser tiddependi fuq it-tħaddim tajjeb tal-fond għat-tiswija tat-toroq li għadu kemm ġie stabbilit. Fir-rigward tas-sostenibilità tat-toroq lokali, implimentati mill-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti, din ser tiddependi fuq il-kwalità tal-bini. Filwaqt li proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni jagħtu qafas konkret għall-komunitajiet etniċi differenti biex jaħdmu flimkien, il-konflitt kontinwu fis-Sri Lanka jipperikola l-isforzi kollha li ttieħdu sabiex jassiguraw is-sostenibilità teknika u finanzjarja tal-proġetti.

**Bini ta' triq lokali minn ħaddiema tal-Komunità fis-Sri Lanka.**



*(Sors*: ECA*)*

# KAPITOLU 4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**42.** Il-Kummissjoni użat tliet mekkaniżmi ta' implimentazzjoni differenti biex twassal l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni b'reazzjoni għall-Uragan Mitch u t-Tsunami (unitajiet li jamministraw il-programmi fl-Amerika Ċentrali, kontribuzzjonijiet f'Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja u kontribuzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fis-Sri Lanka). It-*Tabella 5* turi l-prestazzjoni tal-Kummissjoni f'dawn it-tliet postijiet dwar it-tliet domandi tal-verifika. L-għażla tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni mhix l-uniku fattur li jinfluwenza l-prestazzjoni kif intwera biċ-ċar mill-eżempju tas-Sri Lanka fejn it-tiġdid tal-konflitt wara t-Tsunami naqqas il-pass tar-rijabilitazzjoni u illimita l-ambitu ġeografiku tagħha.

**TABELLA 5**

**SOMMARJU TAL-PUNTI B'SAĦĦITHOM U DGĦAJFA**

| Domanda tal-verifika | Kriterji | L-Amerika Ċentrali wara l-Uragan Mitch | L-Indoneżja wara t-Tsunami | Is-Sri Lanka wara t-Tsunami |
|---|---|---|---|---|
| Identifikazzjoni tal-bżonnijiet | Strateġija fil-ħin li tinkorpora kwestjonijiet usa' | + | + | + |
| | Strateġija fil-ħin bil-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji | - | + | + - [1] |
| Implimentazzjoni ta' l-għajnuna | Implimentazzjoni fil-ħin | - | + | - [1] |
| | Sorveljanza ta' l-effiċjenza | - [2] | - [2] | - [2] |
| Kisba tar-riżultati | Kisba ta' prodotti utli | + | + | - [1] |
| | Rabta ma' l-għajnuna umanitarja | - | + | - [1] |
| | Rabta ma' l-iżvilupp fuq żmien itwal | + | + | + |
| | Prospetti għas-sostenibilità | - | + | - [1] |

+ = punt b'saħħtu; - = punt dgħajjef

[1] Marbut mal-kunflitt fil-pajjiż

[2] Prinċipalment għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' informazzjoni ta' spejjeż paragunabbli u miri ta' produzzjoni definiti b'mod ċar.

*Il-Kummissjoni identifikat b'mod xieraq il-bżonnijiet ta' rijabilitazzjoni ta' dawk milquta mid-diżastri?*

**43.** Dwar l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet u t-tfassil tal-proġetti, wara ż-żewġ diżastri l-Kummissjoni żviluppat malajr strateġija li kienet sensittiva għall-bżonnijiet tal-popolazzjoni in ġenerali aktar milli biss għal dawk li l-assi tagħhom ġew mġarrfa jew meqruda mid-diżastru. Wara t-Tsunami l-Kummissjoni fasslet proġetti aktar malajr milli wara l-Uragan Mitch u b'aktar parteċipazzjoni mill-benefiċjarji biex tgħin is-sostenibilità (ara l-paragrafi 17 sa 22).

**RAKKOMANDAZZJONI 1**

Il-Kummissjoni għandha tibni fuq l-approċċ li adottat wara t-Tsunami li jippermetti t-tfassil malajr ta' proġetti ta' rijabilitazzjoni u jinvolvi l-benefiċjarji sabiex isaħħaħ l-appartenenza u s-sostenibilità.

*Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw li l-għajnuna hija implimentata fil-ħin u b'mod effiċjenti?*

**44.** L-implimentazzjoni kienet rapida ħafna fl-Indoneżja, filwaqt li s'issa fis-Sri Lanka ma tantx sar progress prinċipalment minħabba t-tiġdid tal-konflitt. Għat-Tsunami, il-Kummissjoni ma indirizzatx in-nuqqasijiet kollha prinċipali fis-sistemi tal-monitoraġġ u tas-sorveljanza ta' l-effiċjenza ta' l-għajnuna ta' rijabilitazzjoni li kienu nnutati fil-każ ta' l-Uragan Mitch. B'mod partikolari, ma assiguratx għall-proġetti kollha li miri ta' produzzjoni kkwantifikati b'mod ċar ġew żviluppati u li s-sistemi ħolqu biżżejjed informazzjoni biex juru l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni (ara l-paragrafi 23 sa 29).

**RAKKOMANDAZZJONI 2**

Sabiex ittejjeb il-monitoraġġ tal-fondi, il-Kummissjoni għandha tkompli l-isforzi tagħha, b'kooperazzjoni sħiħa ma' donaturi oħra, biex ittejjeb it-trasparenza tar-rappurtar tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli fl-Indoneżja u għandha tistabbilixxi evalwazzjoni ta' kwalità indipendenti tat-tfassil tal-proġetti u approvazzjoni tax-xogħlijiet imlestija għall-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li jamministraw fondi ta' l-UE fis-Sri Lanka.

**RAKKOMANDAZZJONI 3**

Il-Kummissjoni għandha tassigura li informazzjoni komparabbli ta' l-ispejjeż hija disponibbli biex tissorvelja u turi l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti, u li miri ċari għall-proġetti huma żviluppati sabiex ikun possibbli li jiġi evalwat inkisbux il-prodotti ppjanati.

### *Il-proġetti kisbu r-riżultati mistennija inklużi rabtiet sodisfaċenti bejn l-għajnuna fuq żmien qasir u l-iżvilupp fuq żmien itwal ?*

**45.** Dwar il-kisba tar-riżultati, inkisbu bosta riżultati utli fl-Amerika Ċentrali u fl-Indoneżja għalkemm żidiet fil-prezzijiet wara ż-żewġ diżastri naqqsu l-kwalità tal-prodotti. Fl-Indoneżja, il-viżibilità f'għajnejn il-benefiċjarji u d-donaturi tnaqqset minħabba li l-fondi twasslu permezz tal-Fond ta' Trust b'Donaturi Multipli. Kemm wara l-Uragan Mitch kif ukoll wara t-Tsunami, il-benefiċjarji kienu jinkludu mhux biss dawk milquta direttament mid-diżasrtru, imma lill-popolazzjoni in ġenerali. Filwaqt li r-rabta ma' għajnuna umanitarja preċedenti kienet varjabbli, ir-rabta ma' żvilupp fuq żmien itwal kienet hekk b'saħħitha li ttejjeb il-prospetti ta' sostenibilità. Minkejja dan, is-sostenn u l-iffinanzjar sostenibbli kontinwu mill-gvern jibqgħu kwestjonijiet sensittivi (ara l-paragrafi 30 sa 41).

**RAKKOMANDAZZJONI 4**

Il-Kummissjoni għandha tantiċipa aħjar iż-żidiet sinifikanti fil-prezzijiet wara diżastri naturali sabiex timmaniġġjahom per eżempju permezz ta' użu akbar ta' xogħol komunitarju u riżorsi lokali.

**RAKKOMANDAZZJONI 5**

Għandha tkun assigurata viżibilità xierqa għall-UE, b'mod partikolari fejn proġetti huma implimentati permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

**RAKKOMANDAZZJONI 6**

Fil-bidu tal-fażi ta' tfassil tal-proġetti, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni xierqa u fil-ħin biex tassigura s-sostenibilità tal-proġetti.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Vítor Manuel da Silva Caldeira
*President*

# IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

### III

Iċ-ċirkustanzi wara l-Uragan Mitch u t-Tsunami kienu differenti. Rigward l-Uragan Mitch, sar proċess wiesa' ta' konsultazzjoni li involva l-partijiet kollha, pubbliċi u privati, fil-pjanifikazzjoni kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-Programm Reġjonali tar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (PRRAC). L-azzjonijiet li segwew l-Uragan Mitch wasslu għal involviment sostanzjali tas-soċjetà ċivili.

Mill-esperjenza tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Uragan Mitch, l-azzjonijiet ipprovduti għat-Tsunami kienu kkoordinati sew fuq livell internazzjonali, u mibnija malajr fuq is-suċċess tal-fażi umanitarja u l-bidu f'waqtu tal-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rikostruzzjoni. Partikularment, il-ħolqien ta' Fond ta' Fiduċja b'Numru ta' Donaturi fl-Indoneżja, immexxi mill-UE, kien strumentali biex jiffaċilita l-koordinazzjoni u l-għaqda tal-fondi tad-donaturi, biex jinbeda malajr il-proċess ta' rkupru b'politika soda [1].

### IV

Fl-Amerika Ċentrali xi wħud mill-attivitajiet, prinċipalment għall-azzjonijiet iżgħar, ġew imnedija fl-2001. Il-proġetti kollha kellhom stimi tar-riżultati u pprevedew rapporti perjodiċi biex isegwu l-progress sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-azzjonijiet korrettivi korrispondenti. Is-segwitu, kif ukoll il-valutazzjonijiet intermedji u finali, saru kif ippjanat.

Rigward it-Tsunami, kemm fl-Indoneżja kif ukoll fis-Sri Lanka, ir-riżultati mistennija u l-valutazzjoni ta' l-ispejjeż huma inklużi f'dokumenti ta' evalwazzjoni għal kull proġett u fl-arranġamenti kuntrattwali ma' l-imsieħba li qegħdin jimplimentawhom. L-użu effiċjenti tal-fondi huwa segwit kontinwament mill-Kummissjoni. L-ispejjeż finali attwali huma stabbiliti fl-aħħar tal-proġett b'riżultat tal-proċess ta' offerta u bżonnijiet u aġġustamenti oħra neċessarji waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-Kummissjoni għandha tinkludi valutazzjonijiet ta' l-effettività fl-infiq għal kull proġett fl-evalwazzjonijiet intermedji u finali.

[1] Il-Fond ta' Fiduċja b'Numru ta' Donaturi ta' Aceh u Nias (MDTF) huwa ffinanzjat minn 15-il organizzazzjoni internazzjonali u bilaterali, b'90 % tal-fondi pprovduti mill-UE (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri).

Fis-Sri Lanka, wara ż-żjara tal-Qorti, il-Kummissjoni saħħet il-kontroll tal-kwalità indipendenti qabel taċċetta x-xogħlijiet kompluti.

**V.**
Il-proġetti PPRAC kienu ppjanati u implimentati b'approċċ li qies mhux biss ir-riżultati fl-infrastruttura iżda wkoll l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ biex ikunu msaħħa l-istituzzjonijiet nazzjonali u muniċipali u l-organizzazzjonijiet benefiċjarji. F'uħud mill-każi, il-PRRAC kkontribwixxa wkoll biex isaħħaħ inizjattivi ta' deċentralizzazzjoni billi żviluppa l-kapaċitajiet amministrattivi ta' atturi lokali biex jegħlbu inugwaljanzi reġjonali (jiġifieri proġetti dwar is-saħħa u l-edukazzjoni f'El Salvador).

Fil-każ tat-Tsunami, ir-reazzjoni tal-Kummissjoni kienet parti integrali mill-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rikostruzzjoni. Skond il-kunċett ta' "Bini mill-Ġdid Aħjar", il-manutenzjoni u s-sostenibbiltà ta' proġetti ta' rikostruzzjoni għandhom ikunu żgurati, fil-każ ta' rkupru taddjar u l-għejxien minn benefiċjarji privati, u fil-każ ta' infrastrutturi u servizzi pubbliċi permezz ta' impenn fil-baġit tal-gvernijiet lokali u ċentrali.

**VI.**
Ir-risposti tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Qorti huma pprovduti fil-paragrafi 42 sa 45.

## KAPITLU 1. DAĦLA

**4.**
Il-Programm Reġjonali tar-Rikostruzzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (PRRAC) kien ir-reazzjoni prinċipali li pprovdiet il-Kummessjoni wara l-Uragan Mitch u kien ikkumplementat minn xi riorjentazzjonijiet fil-programmi ta' kooperazzjoni bilaterali, żidiet fl-allokazzjonijiet tal-kofinanzjamenti ta' l-NGOs u appoġġ addizzjonali fil-kuntest tas-sigurtà ta' l-ikel.

## KAPITLU 3. OSSERVAZZJONIJIET

**20.**
L-implimentazzjoni permezz ta' unitajiet ta' amministrazzjoni tal-proġetti kienet riżultat ta' ftehim *ad hoc* mal-pajjiżi benefiċjarji, u tieħu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità lokali biex jitwettqu x-xogħlijiet involuti. Il-PRRAC wera li huwa possibbli li jintlaħaq livell għoli ta' parteċipazzjoni tal-benefiċjarji u l-istituzzjonijiet nazzjonali, mingħajr ma l-programm ikun implimentat direttament jew amministrat biss minnhom. Fil-PRRAC, l-implimentazzjoni tal-proġett permezz ta' l-unitajiet ta' amministrazzjoni tal-proġetti (PMUs) eliminat xi ftit mir-rivalitajiet u t-tensjonijiet politiċi kif ukoll nuqqasijiet amministrattivi li s-soltu jfixklu l-proġetti b'komponenti kbar ta' infrastruttura.

**24.**
Il-ħin neċessarju għall-pjanifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett huwa spjegat min-natura kumplessa ta' proġett li jkopri bżonnijiet ta' rkupru multidimensjonali. Xi attivitajiet, prinċipalment għal azzjonijiet żgħar tal-PRRAC, kienu mnedija progressivament mill-aħħar ta' l-2001.

**26.**
L-intensifikazzjoni gradwali tal-konflitt fis-Sri Lanka pprovda kuntest operattiv diffiċli ħafna, partikularment fir-rigward ta' progress biex jintlaħqu l-komunitajiet lokali.

**Kaxxa 1**
Minkejja d-dewmien imsemmi fir-rigward tal-PRRAC fil-Honduras, il-proġetti dwar is-saħħa u l-edukazzjoni laħqu l-għanijiet tagħhom u, per eżempju, ikkontribwixxew biex itejbu s-sistema skolastika uffiċjali.

**27.**
Il-Kummissjoni tikkonstata l-utilità li jkunu mqabbla l-ispejjeż ta' l-unitajiet biex issir preparazzjoni tal-baġit u analiżi mistennija ta' l-effettività ta' l-infiq, iżda tixtieq issostni d-diffikultà li tkun applikata għodda bħal din f'kuntesti ta' rikostruzzjoni differenti u pajjiżi differenti b'mudelli soċjoekonomiċi differenti.

Kull proġett kbir tal-PRRAC kien evalwat. Waqt li ma saret ebda evalwazzjoni intermedja tal-PRRAC, rapport ta' evalwazzjoni iktar ġenerali "*Evaluation des actions de réhabilitation et de reconstruction financées par la Communauté Européenne dans les pays ACP/ALA/MED/TACIS*", ("Valutazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni ffinanzjati mill-Komunità Ewropea fil-pajjiżi ACP/APA/MED/TACIS") li kopra l-PRRAC, kien ippubblikat fl-2003. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom rakkomandazzjonijiet li ġew ikkunsidrati.

L-aħħar ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni ta' l-ispejjeż standard jew komparattivi għandha tkun parti mill-evalwazzjoni tal-PRRAC ppjanata li titwettaq lejn l-aħħar tal-2008.

**28.**
Fuq rikjesta tal-Kummissjoni u donaturi oħra, il-Bank Dinji qabel li jaqsam sistematikament mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-MDTF ir-rapporti tiegħu ta' monitoraġġ intern bħala segwitu ta' żjarat fuq il-post, mill-2007.

Għall-proġetti kollha MDTF, l-analiżi tar-raġonevolezza tar-riżultati proposti u l-ispejjeż stmati huma eżaminati mill-Kumitat ta' Tmexxija MDTF waqt l-istadju ta' evalwazzjoni. Wara l-approvazzjoni, l-arranġamenti kuntrattwali ma' l-imsieħba li qed jimplimentaw il-proġetti dejjem jinkludu stimi ta' l-ispejjeż u r-riżultati korrispondenti. Għal kull proġett iffinanzjat, rapport finanzjarju mill-aġenzija li qiegħda timplimenta għall-fiduċjarju tippermetti lill-fiduċjarju li jsegwi xi devjazzjoni u jieħu azzjonijiet korrettivi, f'konformità ma' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali. Xi proġetti, bħal ma hu l-Proġett dwar il-Faqar fl-Ibliet, jallokaw għotjiet lill-komunitajiet li għandhom jidentifikaw u jagħtu prijorità lil xogħlijiet żgħar partikulari li għandhom isiru, soġġetti għal proċeduri speċifiċi ta' reviżjoni u aċċettazzjoni. L-ispejjeż finali attwali tar-riżultati huma kkalkulati fl-aħħar tal-proġett.

**29.**
B'segwitu għaż-żjara tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha tinkludi valutazzjoni ta' l-effettività ta' l-infiq fl-ewalvazzjoni finali. Il-Kummissjoni saħħet il-kontroll tal-kwalità indipendenti qabel taċċetta x-xogħlijiet kompluti (jiġifieri inġinier li jagħmel superviżjoni ta' toroq ta' aċċess u infrastruttura tal-komunità).

**Kaxxa 2**
Il-firxa ġeografika wiesgħa ta' l-interventi fil-PRRAC u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi differenti għamlu t-tqabbil ta' l-ispejjeż inqas relevanti, bħal per eżempju, djar f'żewġ pajjiżi differenti u djar f'ambjent rurali u dawk f'ambjent urban.

Fil-każ tal-PRRAC ta' Ciudad Sandino (Managua), kien hemm qbil li kull familja benefiċjarja għandha tipprovdi ħaddiem *full time* għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tad-dar tagħha, kif ukoll 100 siegħa xogħol komunitarju.

Rigward it-Tsunami, kemm fl-Indoneżja kif ukoll fis-Sri Lanka, ir-riżultati mistennija u l-valutazzjoni ta' l-ispejjeż huma inklużi fid-dokumenti ta' valutazzjoni u fl-arranġamenti kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew aġenżiji msieħba li qegħdin jimplimentaw il-proġetti. L-ispejjeż finali attwali huma stabbiliti fl-aħħar tal-proġett b'riżultat tal-proċess ta' offerta u bżonnijiet u aġġustamenti oħra neċessarji waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-Kummissjoni għandha tinkludi valutazzjoni ta' effettività tan-nefqa fl-evalwazzjoni finali.

**31.**
Fl-Amerika Ċentrali, l-evalwazzjonijiet intermedji u finali individwali tal-proġetti PRRAC ikopru l-informazzjoni neċessarja rigward l-użu effiċjenti tal-fondi. Dan l-aspett se jkun kopert ukoll fl-evalwazzjoni finali tal-PRRAC kollu, previst għall-2008. Għall-Indoneżja u s-Sri Lanka l-użu tal-fondi qiegħed ikun segwit kontinwament u għandu jkun suġġett speċifiku għall-evalwazzjonijiet intermedji ppjanati għall-2008.

Ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi 27 u 29 u Kaxxa 2.

**Kaxxa 3**
Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha ta' kopresident tal-Kumitat tat-Tmexxija saħħet il-viżibbiltà tagħha fl-Indoneżja permezz ta' *l-influwenza strateġika* tagħha fl-MDTF, kif ukoll għaqqdet ir-rikostruzzjoni ma' inizjattivi kumplimentari li jappoġġjaw il-proċess ta' Paċi Aceh, bi djalogu sħiħ u bħala msieħba privileġġjata ta' l-awtoritajiet Indoneżjani fuq livell ċentrali u lokali. Il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rwol kostruttiv ta' koordinazzjoni tagħha, bħala donatur ewlieni fil-Kumitat tat-Tmexxija, ħoloq viżibbiltà pożittiva ħafna u apprezzament għoli mal-benefiċjarji kif ukoll ma' l-imsieħba li qegħdin jimplimentaw il-proġetti.

**Kaxxa 4**
L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar iċ-ċentru tas-saħħa ppjanat f'San Rafael del Sur huma ġusti. Madanakollu, il-komunità diġa għandha ċentru tas-saħħa funzjonali li jservi l-popolazzjoni lokali. Għal dawn ir-raġunijiet, kien konkluż li ċentru supplimentari ma kienx għadu ta' prijorità.

Il-Kummissjoni kkontribwixxiet għall-pjan ta' rikostruzzjoni ġenerali tad-djar tal-gvern ta' l-Indoneżja. Miż-żjara tal-Qorti, il-miri riveduti relatati mad-djar iffinanzjati mill-MDTF ġew aġġornati għal 8 000 djar ġodda u 7 000 djar imsewwija. In-nuqqas tad-djar tal-MDTF hu kopert minn fondi tal-gvern.

**33.**
Fil-każ ta' l-Uragan Mitch, il-fażi tal-preparazzjoni tal-programm qieset is-sitwazzjoni ġenerali ta' l-Amerika Ċentrali, u laħqet bilanċ bejn il-bżonnijiet immedjati u ta' tul ta' żmien medju, u l-istrateġija ta' żvilupp għal tul ta' żmien.

Għat-Tsunami, kemm fl-Indoneżja kif ukoll fis-Sri Lanka, l-appoġġ tal-Kummissjoni kien parti integrali mill-pjanijiet ta' rikostruzzjoni u żvilupp nazzjonali biex tiżgura proprjetà u sostenibbiltà fil-"bini mill-ġdid aħjar". Għas-Sri Lanka, il-komunità ta' donaturi unanimament qablet li l-assistenza kellha tkun sensittiva għall-konflitt u għandha tibbenefika lill-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli fiż-żoni affettwati mit-Tsunami.

**Kaxxa 5**
Ir-reazzjoni tal-MDTF hija konsistenti mal-pjanijiet ta' rikostruzzjoni nazzjonali li jkopru l-Provinċja kollha ta' Aceh, minħabba n-numru kbir ta' persuni mċaqalqa, li ħafna minnhom kienu ttrawmatizzati u ma ridux imorru lura fiż-żoni tal-kosta.

**34.**
Il-ħin neċessarju għall-pjanifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett wara l-Uragan Mitch huwa spjegat min-natura kumplessa ta' proġett li jkopri neċessitajiet ta' rkupru multidimensjonali (ara r-risposti għall-paragrafi 20 u 24).

**36.**
Fl-Indoneżja, l-attenzjoni fl-ewwel fażi kienet fuq ir-rikostruzzjoni ta' l-infrastruttura, f'konformità mal-prijorità tal-bżonnijiet kif espressi mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali. Kien hemm qbil ġenerali li, biex tkun żgurata s-sostenibbiltà ta' l-attivitajiet ta' rkupru ta' l-għejxien, dawn kellhom bżonn ikunu fi ħdan strateġija ta' rkupru ekonomiku ta' proprjetà lokali. Il-preparazzjoni ta' strateġija bħal din kienet tiddependi fuq il-progress politiku u t-twaqqif ta' gvern provinċjali li seħħet biss mill-2007 'l quddiem (wara l-elezzjonijiet lokali ta' Aceh f'Diċembru 2006). Fuq il-bażi ta' dan, kien hemm qbil fuq proġett għall-"Faċilità Finanzjarja ta' l-Iżvilupp Ekonomiku" ($50 miljun) fl-2007.

**39.**
Azzjonijiet fis-setturi tas-saħħa, edukazzjoni, żvilupp lokali, ilma u dranaġġ spiss jinkludu komponenti biex jissaħħu l-istituzzjonijiet għall-entitajiet amministrattivi nazzjonali bil-għan li jippromwovu politika sostenibbli f'dawn is-setturi. L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni *ex-post* dwar żewġ progetti f'El Salvador u wieħed fil-Honduras ikkonkluda li kienet milħuqa s-sostenibbiltà.

**40.**
Finanzjament komplut għar-rikostruzzjoni Aceh huwa żgurat mill-baġit tal-Gvern ta' l-Indoneżja.

## KAPITLU 4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**42.**
Għat-Tsunami, kemm għall-Indoneżja kif ukoll għas-Sri Lanka il-Kummissjoni kkunsidrat li l-passi li ttieħdu fir-rigward tal-monitoraġġ ta' l-effiċjenza rriżultaw f'titjib fl-arranġamenti legali konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (ara r-risposti għall-paragrafi 27 sa 29 u l-kaxxa 2). Il-Kummissjoni qiegħda tkompli taħdem f'dan is-sens.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sommarju tal-Qorti dwar il-monitoraġġ ta' l-effiċjenza ppreżentat fit-*Tabella 5* ma jiħux biżżejjed konsiderazzjoni ta' kriterji oħra barra d-disponibbiltà ta' l-informazzjoni u l-miri ta' l-ispejjeż komparattivi. Il-Kummissjoni tikkunsidra li għadu kmieni wisq biex tagħmel konkluzjoni definittiva dwar is-sostenibbiltà u se teżamina l-kwestjoni fl-evalwazzjonijiet li ġejjin.

**Rakkomandazzjoni 1**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, li tirrappreżenta apprezzament pożittiv ħafna ta' l-approċċ ikkoordinat ta' numru ta' donaturi li kien segwit għat-Tsunami, u għandha tfittex li tapplikah kull fejn jeżistu l-prekundizzjonijiet.

**44.**
Ġeneralment, wara diżastru maġġuri jkun hemm il-bżonn li jintlaħaq bilanċ bejn li tkun ipprovduta reazzjoni mgħaġġla u l-evalwazzjoni dettaljata tal-bżonnijiet u l-istimi ta' l-ispejjeż għal kull unità, meta tikkunsidra li l-effiċjenza fl-ispiża hija żgurata prinċipalment mill-akkwist kompetittiv. Fil-każ tar-reazzjoni għat-Tsunami, ir-riżultati mistennija u l-valutazzjonijiet ta' l-ispejjeż huma inklużi fid-dokumenti ta' valutazzjoni u fl-arranġamenti kuntrattwali mal-partijiet li qegħdin jimplimentaw il-proġetti. Għal xi proġetti, xogħol speċifiku huwa identifkat u mogħti prijorità mill-komunitajiet lokali waqt l-implimentazzjoni, u għalhekk riżultati ċari kkwantifikati ma jistgħux ikunu magħrufa fil-bidu tal-programmi. L-użu effiċjenti tal-fondi huwa segwit kontinwament mill-Kummissjoni. Valutazzjonijiet indipendenti ta' l-effettività ta' l-infiq għal kull proġett għandhom isiru fl-evalwazzjonijiet intermedji u finali.

**Rakkomandazzjoni 2**
Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti dwar it-trasparenza tal-monitoraġġ ta' l-MDTF u tikkunsidra li, fil-każ ta' l-Indoneżja, ħadet passi, flimkien mad-donaturi, biex ittejjeb it-trasparenza (kif uriet id-disponibbiltà ta' rapporti fil-fond ta' progress minn Diċembru 2006). Fis-Sri Lanka, minn Novembru 2007, il-Kummissjoni saħħet il-kontroll tal-kwalità qabel l-aċċettazzjoni tax-xogħlijiet kompluti billi għamlet kuntratti għal servizzi addizzjonali għall-proġetti ta' infrastruttura.

**Rakkomandazzjoni 3**
Il-Kummissjoni tinnota s-siwi li jkunu mqabbla l-ispejjeż ta' l-unitajiet biex issir preparazzjoni tal-baġit u analiżi mistennija ta' l-effettività tan-nefqa, iżda tixtieq issostni d-diffikultà li tkun applikata għodda bħal din f'kuntesti ta' rikostruzzjoni differenti u pajjiżi differenti b'mudelli soċjoekonomiċi differenti.

Il-Kummissjoni għandha tkompli l-isforzi tagħha biex tispeċifika l-miri tal-proġetti bl-iktar mod ċar possibbli.

**45.**
Il-grupp ta' donaturi tal-Fond ta' Fiduċja b'Numru ta' Donaturi ta attenzjoni kbira għall-ilħuq ta' viżibbiltà ffukata fuq ir-riżultati. Il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rwol kostruttiv ta' koordinazzjoni tagħha, bħala kopresident tal-Kumitat tat-Tmexxija, ħoloq viżibbiltà pożittiva ħafna għall-Unjoni Ewropea u apprezzament għoli mal-benefiċjarji kif ukoll ma' l-imsieħba li qegħdin jimplimentaw il-proġetti.

Il-Kummissjoni tappoġġja l-kunċett tal-"bini mill-ġdid aħjar" fir-rikostruzzjoni, li għandha tinforza l-proprjetà u s-sostenibbiltà.

**Rakkomandazzjoni 4**

Il-Kummissjoni ħadet nota tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti u għandha tirrifletti fuq kif l-aħjar tittratta l-antiċipazzjoni ta' żidiet sinifikanti fil-prezzijiet wara diżastri naturali, b'kooperazzjoni sħiħa ma' donaturi oħra u l-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji.

**Rakkomandazzjoni 5**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-viżibbiltà hija suġġett importanti u dejjem tipprova ttejjibha.

**Rakkomandazzjoni 6**

Il-Kummissjoni taqbel li l-kwestjonijiet ta' sostenibbiltà għandhom ikunu indirizzati mill-fażi ta' l-ippjanar. Ir-riskji, inklużi l-kwistjonijiet ta' sostenibbilità, huma ġeneralment ivvalutati fil-fażi ta' l-ippjanar tal-proġetti, u l-Kummissjoni għandha tfittex li tinforza dan l-aspett matul l-implementazzjoni tal-proġett kollu.

Il-Qorti Ewropea ta’ L-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 6/2008**
**L-Għajnuna ta’ Rijabilitazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wara t-Tsunami u l-Uragan Mitch**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2008 – 40 pp. – 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-95009-48-6

## Kif tista’ tikseb pubblikazzjonijiet ta’ l-UE?

Il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li huma għall-bejgħ jistgħu jinkisbu mill-Bookshop ta’ l-UE http://bookshop.europa.eu fejn inti tista’ tordna mill-uffiċċju tal-bejgħ li tixtieq.

Tista’ wkoll titlob lista ta’ l-operaturi tan-netwerk tal-bejgħ tagħna madwar id-dinja billi tibgħat feks lil dan in-numru: (352) 2929 42758.

QJ-AB-08-006-MT-C

F'DAN IR-RAPPORT, IL-QORTI TANALIZZA L-ĠESTJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA TA' L-GĦAJNUNA TA' RIJABILITAZZJONI WARA ŻEWĠ DIŻASTRI NATURALI KBAR: L-URAGAN MITCH FL-1998 U T-TSUNAMI TA' L-2004. L-GĦAJNUNA MĦALLTA TA' RIJABILITAZZJONI MILL-KUMMISSJONI TA' 550 MILJUN EURO MMIRAT BIEX TIBNI MILL-ĠDID INFRASTRUTTURA BAŻIKA U TIPPROVDI BAŻI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI. IL-QORTI TAGĦMEL RAKKOMANDAZZONIJIET LI JISTGĦU JGĦINU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA SABIEX TAGĦTI GĦAJNUNA TA' RIJABILITAZZJONI AKTAR EFFIĊJENTI U EFFETTIVA FIL-ĠEJJIENI.

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

ISBN 978-92-95009-48-6

9 789295 009486